MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 1116/2011

**HSBC Bank Malta plc (C3177)**
**VS**
**Raymond Buttigieg (ID 443070M) u Pauline Buttigieg (ID 329774M)**

Il-Qorti :

Rat ir-rikors mahluf prezentat fl-14 ta'Novembru 2011, li bih s-socjeta rikorrenti ppremettiet:

*1. "Illi l-intimati huma debituri tas-societa attrici fl-ammont ta' Euro 47492.89 (seba u erbghin elf erba mija tnejn u disghin euro u disa u tmenin centezmi) liema ammont huwa dovut mill-intimati fuq il-kont bin- numru 18025776, liema somma giet debitament mislufa lill-intimati fuq facilita' ta' Loan Account wara kuntratt fl-atti*

*tan-Nutar Joseph Debono datat 13 ta' Lulju 2000 mill-bank attur u accettat minnhom.*

*2. Illi ghalkemm interpellati sabiex jhallsu l-ammont dovut , l-intimati ma hallsux.*

*Ghaldaqstant s-societa titlob li din l-Onorabbli Qorti*

*1. Tikkundanna lil intimati jhallsu lis-societa attrici l-ammont ta' Euro 47492.89 bl-imghax ta' 8% mit-2 ta' Settembru 2011 sad-data tal-pagament finali liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datat 25 ta' Jannar 2010 kontra l-intimati li huma minn issa ngjunti ghas-subizzjoni. Bl-imghax ulterjuri skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv."*

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tas-socjeta' rikorrenti;

Rat illi r-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-intimati li minnhom l-intimat Raymond Buttigieg naqas li jipprezenta risposta guramentata u hekk baqa' kontumaci u baqa' ukoll ma deherx ghas-seduti sussegwenti;

Rat in-nota t'ammissjoni tal-konvenuta Pauline Buttigieg tat-28 t'April 2012;

Rat ix-xhieda u dokumenti prodotti mis-socjeta' rikorrenti;

Rat il-verbal tat-2 ta' Novembru 2012 u il-fakulta moghti lilll-intimat Raymond Buttigieg li pero baqa inadempjenti;

Rat in-nota t'ammissjoni ta' Raymond Buttigieg tal-31 ta' Jannar 2013;

Rat u ezaminat l-atti tar-rikors;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti hadet konjizzjoni tan-nota tal-intimata Pauline Buttigieg tat-28 t'April 2012, li biha ammettiet it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti.

Il-Qorti rat in-nota tal-intimat Raymond Buttigieg tal-31 ta' Jannar 2013, li biha ammetta it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti.

Peress illi mix-xhieda u dokumenti prodotti mis-socjeta' rikorrenti, b'mod specjali ghall-affidavit tal-bank rikorrenti, jirrizulta illi li ma thallas xejn fil-mori tal-kawza u l-ammont rikjest fir-rikors guramentat ghadu kollu dovut.

Tqis illi l-provi prodotti mhumiex kontradetti anzi huma amessi mill-intimati, u ghalhekk t-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ppruvati.

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u tikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta'seba u erbghin elf, erba mija tnejn u disghin euro u disa u tmenin centezmi (Euro 47,492.89), bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) mit-2 ta' Settembru 2011 sad-data tal-pagament finali, bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------